# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

It-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier
Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

39.1.1. Is- Sindku JC informa li l-Kunsillier JBO u l-Ambaxxatriċi Lokali taż- Żgħażagħ MMC talbu li jkunu skużati.

39.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

39.2.1.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 6 (JB, JBD, JC, LAG, SZ, AC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

39.2.2. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.2.4 li tirrigwardja Gloria Choir, u staqsa jekk il-kunċert għadux ser isir fl-istess data. Huwa kien infurmat li l-kunċert ser isir kif ippjanat.

39.2.3. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.2.9 li tirrigwardja l-ħanut tal-Maypole. Huwa rrimarka li dan qed iħalli straġi bil-kaxxi tal-kartun vojta, u b'inkonvenjent għall-komunita'. Huwa staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta fuq it-talba għal tpoġġija ta' *skip*. Is-Segretarju irrimarka li ma kienx hemm tweġiba.

**NB: 5.35 pm – Il-Kunsillier SZ attenda għal-laqgħa**

39.2.4. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.2.11 li tirrigwardja *road humps* fi Triq il-Brolli. Il-Kunsillier SZ informa li għadu jrid jipprepara l-pjanti sabiex jintbagħtu għall-approvazzjoni.

39.2.5. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.2.15 li tirrigwardja emenda fil-bye-law eżistenti Żoni Esklussivi għal Barbeques u staqsa jekk kienx hemm tweġiba. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv. Il-Kunsill qabel li għanda ssir komunikazzjoni mal-Ministru f'dan ir-rigward.

39.2.6. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.3.6 li tirrigwardja il-vaċċin tal-Influwenza. Huwa informa li kien hemm mat-300 applikant. Huwa informa li diġa' saru l-arranġamenti neċessarji u l-infermiera Ċensina Zahra ser tkun qed tagħti t-tilqima.

39.2.7. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.4.9 li tirrigwardja l-aċċess sabiex iż-żwiemel ikunu jistgħu jitniżżlu jgħumu, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju informa li irċieva *acknowledgement* mingħand is-Segretarjat Parlamentari tal-Agrikoltura, Sajd, u Drittijiet tal-Annimali, u li l-proposta ser tiġi ikkunsidrata.

39.2.8. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 38.12.2 li tirrigwardja tismija ta' toroq u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv inform fin-negattiv. Huwa ssuġerixxa li l-Kunsill jipproponi ismijiet alternattivi, f'każ li dawk proposti oriġinarjament ma jiġux aċċettati. Il-Kunsill qabel li l-alternattvi jkunu, Triq il-Qarnit, Triq Is-Siċċ, u Triq il-Klamari.

39.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 38.4.2 li tirrigwardja x-xogħlijiet fi Triq il-Qajjenza, u l-inkonvenjenza li qed iġibu magħhom. Huwa rrimarka li mhux titnaddaf kif miftiehem. Is-Sindku informa li ser jitkellem dwar dan iktar 'il quddiem matul il-laqgħa.

39.2.10. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 38.20 li tirrigwardja *bollards* fi Triq Għar Dalam, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċeviex tweġiba.

39.2.11. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 38.2.14 u staqsa jekk intalbux l-istimi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawn intalbu.

39.2.12. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 38.3.2 li tirrigwardja bollards f'Misraħ il-Pajtier, kif ukoll disinn ta' parkeġġ.

39.2.12.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-bollards qed jiġu immanifatturati, u l-parkeġġ qed jiġi ddisinjat mill-ħaddiem tal-Kunsill.

39.2.13. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 38.4.3 li tirrigwardja l-użu tal-art tal-ex-impjant tal-gass tal-Qajjenza. Huwa staqsa dwar il-possibilta' li din issir spazju ta' parkeġġ.

39.2.13.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li tali talba saret, iżda ma kienx hemm tweġina. Il-Kunsill qabel li jerġa jintbat *reminder.*

## 39.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

39.3.1. Is-Sindku informa li saret laqgħa mas-Sezzjoni responsabbli ta' Transport Malta, li tirrigwardja l-proġett tal-Qajjenza. Huwa informa li x-xogħlijiet infrastrutturali

jridu jkunu lesti sa Novembru, hekk kif imwiegħed anke fil-Parlament. Huwa żied jinforma li t-triq ser ikun hemm bżonn li tingħalaq ftit qabel previst sabiex ikun jista' jitħaffef ix-xogħol. L-għeluq tat-triq ser isir minn fejn San Luċjan Oil sa ħdejn Batterija Ferretti. Is-Sindku informa wkoll li ser ikun hemm diffikulta' bit-trasport pubbliku, madankollu huwa enfasizza li mhux ser jaċċetta li ma jkunx hemm trasport pubbliku , anke jekk għal perjodu qasir, għar-residenti tal-Qajjenza. Fid-dawl ta' dan, huwa kien ser jitlob laqgħa mal-persuni responsabbli.

39.3.1.1. Il-Kunsill qabel li ssir il-laqgħa imsemmija, fejn jiġu diskussi numru ta' punti u nuqqasijiet varji li jirrelataw mat-Trasport Pubbliku.

39.3.2. Is-Sindku informa dwar il-kors tal-lingwa Ċiniża li ser isir fil-lokalita' ta' Birżebbuġa. Huwa qal li l-istudenti ser ikollhom bżonn sett ta' kotba, li kull sett jiswa madwar €40. Il-Kunsill qabel li jinfetħu l-applikazzjonijiet, u skont in-numru ta applikanti, jiddeċiedi. Is-Sindku ser ikun qed jgħaddi l-informazzjoni lil Kunsilliera LAG sabiex tipprepara l-avviżi.

39.3.3. Is-Sindku informa dwar laqgħa li saret bejn il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mas-Sur Chris Salerno, rappreżentant tal-GAL XLOKK, fejn il-Kunsill ġie infurmat b' intenzjonijiet ta' Fondi Ewropej, fosthom:

Tħaddir fil-lokalita' – baġit ta' madwar €50,000
Promozzjoni tal-lokalita' – baġit ta' madwar € 10,000
Restawr – baġit ta' madwar € 10,000

39.3.3.1. Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jaħsbu fuq suġġerimenti.

39.3.4. Is-Sindku informa li beda l-proċess ta' kontroll ta' ħamiem selvaġġ.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

39.4.1. Il-Viċi Sindku JB staqsa jekk sarx progress fil-proġett u d-disinn ta' parkeġġ aħjar faċċata tal-Waterpolo Club.

39.4.1.1. Huwa kien infurmat li l-Kunsill qed jistenna l-istimi tal-Perit.

39.4.2. Il-Viċi Sindku tkellem dwar in- *No U-turn* fi Triq San Patrizju. Huwa qal li din ġiet qisa nasba u qed jinħargu ammont ta' kontravenzjonijiet.

39.4.2.1. Il-Kunsill qabel li jsiru bollards sabiex is-sewwieqa jiġu nfurmati aħjar.

39.4.3. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar il-karrijiet tad-dgħajjes li jitħallew fit-toroq.

39.4.3.1. Is-Sindku informa li dawn qed jinġabru. Huwa informa ukoll li hemm ukoll l-Għaqda tas-Sajjieda tal-lokal li qed tassisti lill-Kunsill.

39.4.4. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar il-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu fuq barra, li ġejjin minn numru ta' skemi. Huwa innota li mhux kulħadd jagħti l-almu tiegħu.

39.4.4.1. Is-Sindku JC informa li huwa jagħmel il-programm u jqassam ix-xogħol. Wara huwa jivverifika li l-programm tal-ġurnata jkun sar. Huwa iqassam ix-xogħol skont il-kapaċitajiet tal-individwu.

39.4.5. Il-Kunsilliera LAG staqsiet jekk ħaxix fuq il-bankina huwiex fir-responsabilta' tal-Kunsill li jitneħħa.

39.4.5.1. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv, u informa li dan isir kontinwament.

39.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq il-kennies, minħabba li huwa ma rax miljorament.

39.4.6.1. Is-Sindku informa li saret il-laqgħa mal-kuntrattur kif maqbul fl-aħħar laqgħa fejn ġew diskussi numru ta' punti.

39.4.6.2. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt eżistenti m'għandux jiġġedded, iżda għanda toħroġ sejħa tal-offerta ġdida u jkun hemm tibdil fid-dokument tal-offerta.

39.4.7. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar it-tindif tal-ispralli.

39.4.7.1. Is-Sindku JC informa li ser jintervjeni, u jitlob l-assistenza tal-Onor Deo Debattista.

39.4.8. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal Triq San Gwann u staqsa lis-Sindku jekk jafx bil-konkos li ntefa fit-triq, u li bih ġew iffurmati 3 speċi ta' *road humps.*

39.4.8.1. Is-Sindku informa li nnota dan, u sar rapport lill-Pulizija dwar dan, minħabba li x-xogħol sar mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kunsill jew ta' Transport Malta.

39.4.9. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-pont li kien hemm fejn fil-Bajja s-Sabiħa, faċċata ta' Triq San Edwardu, u staqsa lis-Sindku jekk hemmx xi progress fuq dan il-pont jew fuq xi alternattiva oħra.

39.4.9.1. Is-Sindku informa li dan il-proġett għandu jkun inkluż bħala parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni. Huwa nforma ukoll li l-pjanti kienu ġew sottomessi mill-applikant lil GHRC.

39.4.10. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għall-proġett tal-All Inclusive Playing field, u irrimarkat li l-fondi għal dan il-proġett instabu, madankollu l-Kunsill qiegħed wieqaf, minħabba l-Pjan ta' Riġenerazzjoni, u li f'dak is-sit, qed jiġi suġġerit li jsir parkeġġ.

39.4.10.1. Is-Sindku informa li ser jitkellem dwar dan il-punt mal-awtoritajiet ikkonċernati.

39.4.11. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għall-għalqa fil-Qajjenza fejn qabel kienu jipparkjaw u issa ġiet magħluqa.

39.4.11.1. Hija kienet infurmata li dik hija art privata u li fiha ser ikun hemm żvilupp.

39.4.12. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għall-attivita' tar-Regatta f'Birżebbuġa u qalet prosit lil kull min kien ivolut. Hija staqsiet jekk intbagħtux inviti lil Membri Parlamentari involuti.

39.4.12.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill xtaq isejjaħ Konferenza Stampa, iżda ma rċeviex risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif kien indikat fil-*commitment letter* tal-attivita'.

39.4.12.2. Madankollu hu qal li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku JB kienu f'komunikazzjoni diretta mal-Ministru Bonniċi, li sfortunatament, minħabba impenji oħra, ma laħħaqx jattendi.

39.4.13. Il-Kunsillier AC tkellem dwar il-problema ta' parkeġġ fil-lokalita' u rrimarka li l-prijoritajiet tal-Pjan ta' Riġenerazzjoni ma humiex l-istess bħal dawk tal-Kunsill. Il-Kunsill ma jinteressahx li biss li jiżdied ġnien, iżda jinteressah, li l-ispazju ta' parkeġġ eżistenti ma jiġix meħud u r-residenti jibqgħu b'xejn. L-ewwel prijorita' għandha tkun li jiġi żviluppat spazju ta' parkeġġ u wara jsiru l-proġetti l-oħra.

39.4.13.1. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li ssir laqgħa u dan il-punt jiġi diskuss.

39.4.13.2. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill imur mill-ewwel f'ras il-għajn, għand il-Ministru Konrad Mizzi.

39.4.13.3. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mal-Onor. Konrad Mizzi.

39.4.14. Il-Kunsillier AC informa li ltaqa' ma' resident minn Bengħisa u flimkien miegħu dar dawra l-akkwata, sabiex jieħu nota tan-nuqqasijiet li hemm. Huwa nnota dawn il-punti:

Nuqqas ta' Ndafa f'ċertu postijiet.
Żona f'Għar Hasan li hija ta' Periklu.
Bżonn ta tindifa tal-bankini.
Bozza fil-pjazza ta' Bengħisa li għada ma saritx

39.4.14.1. Is-Sindku rrimarka li tindif isir kontinwament, u jerġa' jitħammeġ b'mod abbużiv u illegali fi żmien ta' ftit sigħat.

39.4.14.2. Il-Kunsillier SZ informa li ser jivverifika rigward il-bozza imsemmija.

39.4.15. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-blokka tal-konkos li tappartjeni għall-ġostra u li għadha ma tneħħitx. Huwa għamel rimarka wkoll għal ħaxix li qed jitla fir-ramel.

39.4.15.1. Il-Kunsill qabel li ssir komunikazzjoni ma' Transport Malta fuq il-ħaxix tal-bajja.

39.4.16. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-parkeġġ tal-Housing,u staqsa jekk il-Kunsill jistax jintervjeni biex jassisti f'dan il-każ.

39.4.16.1. Is-Sindku informa li dak huwa parkeġġ mibni mill-Awtorita' tad-djar, iċċirkundat b'ċint. Ir-responsabilta tal-parkeġġ imsemmi, bħal kull propjeta' oħra komuni fil-blokok tal-Awtorita' tad-Djar, hija responsabilta' tal-Awtorita' tad-Djar u mhux tal-Kunsill

39.4.16.2. Il-Kunsill jista' jassisti billi jgħin lir-resident iwassal il-messaġġ.

39.4.17. Il-Kunsillier SAC staqsa dwar l-ilma baħar li jitla fejn ir-Roundebout ta' San Ġorġ u staqsa jekk hemmx żviluppi.

39.4.17.1. Is-Sindku informa li dak huwa proġett minn Transport Malta. Huwa informa li l-pjanti ilhom li ġew iffinalizzati iżda x-xogħol baqa' ma sarx.

39.4.18. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal bust ta' San Ġorġ Preca u informa li l-Perit lesta l-pjanti kollha.

39.4.18.1. Il-Kunsill qabel li jipproċedi bil-permess tal-MEPA.

39.4.18.2. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jinstabu l-benefatturi sabiex isir dan il-proġett.

## 39.5 Rapporti

39.5.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 39.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

39.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 39.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

39.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 09/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

39.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

39.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Awwissu bir-riferenza 08/2017 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

39.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

39.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar kont ta' xogħlijiet ta' kurduna maħruġ minn Polidano, liema kurduna saret marbuta mal-proġett li l-GHRC kienu qed jgħamlu fil-Qajjenza, fi Triq Arturo Issel.

39.7.3.1. Il-Kunsill qabel li issir komunikazzjoni mal-Ministru responsabbli, u dan il-kont jitħallas mill-GHRC.

## 39.8 Delegi u Responsabiltajiet;

39.8.1. Is-Sindku JC ippreżenta lista aġġornata tad-Delegi u Responsabiltajiet b'effett immedjat. (Dok B1)

## 39.9 Mozzjonijiet;

39.9.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 39.10 Proġett Skatepark;

39.10.1. Is-Sindku informa li ġiet sottomessa applikazzjoni aġġornata lil Planning Authority, sabiex l-iskatepark jogħla ftit 'il fuq, u jitressaq bi ftit metri, u dan sabiex tiġi evitata l-problema ta' blat fil-fond.

## 39.11 Pjan ta' Riġenerazzjoni;

39.11.1. Is-Sindku rrimarka li kif diskuss iktar kmieni matul din l-istess laqgħa hemm bżonn li tintalab laqgħa mal-GHRC sabiex jiġu diskussi il-prijoritajiet.

## 39.12 Rilokazzjoni tal-Open Centre tal-Marsa;

39.12.1. Is-Sindku informa li hekk kif ħabbar il-Prim Ministru, dan il-proċess jinsab wieqaf.

39.12.2. Huwa informa li fl-Open Centre tal Marsa baqa 52 persuna u li ser jiġu rilokati f'postijiet differenti, u mhux ġo Ħal Far. Dan anke sar wara intervent mill-ET. President ta' Malta.

39.12.3. Il-Kunsillier SZ irrimarka li jidher li f'Hal Far qed ikun hemm iktar nies milli kien hemm qabel.

39.12.4. Il-Kunsill innota wkoll li żdiedu wkoll ir-rondi tal-Pulizija, kemm bil-karozza, kif ukoll bil-pass. Ir-rondi żdiedu ukoll f'postijiet diversi f'Birżebbuġa.

## 39.13 Applikazzjonijiet ta' Żvilupp;

39.13.1. Ma kienx hemm applikazzjonijiet ġodda.

39.13.2. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar l-iżvilupp proġettat li jsir fi Triq F.C. Burlemaque, u talab li l-Kunsill isegwi din il-materja mill-qrib, kemm minħabba Għar il-Friefet, kif ukoll minħaba l-impatt li ser ikollu fuq it-traffiku.

## 39.14 Street Lighting;

39.14.1. Il-Kunsill SZ informa li ser isir ċaqliq ta' bozza fi Triq il-Qroll minħabba l-iżvilupp li sar f'din iż-żona.

39.14.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li possibilment, fl-iżvilupp il-ġdid li sar, saru *culverts* sabiex minnu jgħaddu s-servizzi, madankollu, jidher li l-linji tad-dawl huma imwaħħlin mal-faċċati tal-bini. Huwa ser jivverifika fuq dawn il-*culverts*, u minħabba li din kienet anke wegħda elettorali.

## 39.15 Festa tal-Lokal 2017;

39.15.1. Is-Sindku talab l-eżitu tal- *working group* fejn ġew diskussi l-punti relatati mal-festa, u li huma taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill.

39.15.2. Il-Viċi Sindku JB irrapporta li l-membri iddiskutew il-materja li tirrigwardja l-ħruġ tal-permess, tal-kiosks, u mwejjed u siġġijiet. Il-membri qablu li l-permessi għandhom jinħarġu sal-aħħar ta' Ġunju, sabiex b'hekk il-Kunsill ikun f''pożizzjoni li jippjana aħjar. Il-Kunsill qabel.

39.15.3. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li l-*working* group issa qed jistenna l-eżitu tar-rapport dwar is-saħħa u sigurta' waqt il-ħruq ta' nar, sabiex b'hekk ikompli jiddiskuti punti oħra.

39.15.4. Ġie ikkunsidrat ir-rapport imħejji, imsemmi f'minuta 39.15.3, li kien iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie meħud bħala moqri. Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport jeħtieġ li jiġi evalwat fid-dettal, u għalhekk il-membri qablu li ssir laqgħa bejn il-membri sabiex issir id-diskussjoni relevanti, kif ukoll issir spezzjoni fuq is-sit.

## 39.16 Attivitajiet tal-Kunsill;

39.16.1. Is-Sindku irrimarka li l-attivita' Regatta f'Birżebbuġa kienet suċċess, u l-ewwel edizzjoni intrebħet proprju mill-klabb tal-lokal – Birżebbuġa.

39.16.1.1. Is-Sindku preżenta r-riżultat uffiċjali, liema riżultat gie irreġistrat ukoll mal-Ghaqda tar-Regatta u Qdif ieħor.

39.16.1.2. Is-Sindku irrimarka li għalkemm għadu kmieni sabiex jibda l-preparamenti għall-edizzjoni li jmiss, diġa' saru xi suġġerimenti fosthom biex tinbidel id-data tal-attivita', kif ukoll li tiġi formalizzata ma Sport Malta, u l-attivita' ssir waħda nazzjonali.

39.16.1.3. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra dawn il-punti.

39.16.2. Il-Kunsillier SZ fakkar fil-Kuncert "Gloria" li ser jinżamm fil-11 t'Ottubru, 2017, ġewwa l-Knisja. Huwa fakkar li kif maqbul, sehem il-Kunsill ser ikun it-transport, liema possibilment jiġi assorbit mill-Gvern Ċentrali, u ftit *refreshments,* bi stima ta' €240.

39.16.3. Il-Kunsill tkellem dwar Jum Birżebbuġa, u kien hemm il-qbil unanimu li din issir il-Ħadd filgħodu 12 ta' Novembru.

39.16.3.1. Il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Birżebbuġa jingħata l-Brigadier, u possibilment tinġab il-banda tal-armata.

39.16.3.2. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jiċċirkula l-formoli tal-applikazzjonijiet lill-Kunsilliera, u li dawn jingħataw ġimgħa ċans sabiex jgħaddu l-kummenti. Sussegwentament isiru l-aġġustamenti neċessarji, u jiġu ppubblikati.

39.16.4. Il-Kunsill qabel li l-kunċert ta' Joys of Gosepl isir fis-17 ta' Diċembru 2017. Il-Kunsill qabel ukoll li jinbidel il-kor tas-snin preċedenti, ma' kantanti jew kor differenti, u dan sabiex ma jkunx ripetittiv.

39.16.5. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u jagħti sostenn fl-attivita' Milied fil-Pjazza, organizzata minn diversi għaqdiet tal-lokalita', fit 2 u t-3 ta' Diċembru.

## 39.17 Bye-Law dwar Xorb f'kontenituri tal-ħġieġ f'Postijiet Pubbliċi;

39.17.1. Is-Sindku ressaq l-abbozz tal-bye-law kif preżentat fil-laqgħa preċedenti.

39.17.2. Is-Sindku informa li waqt iż-żmien ta' konsultazzjoni, l-Ispettur Camilleri ippropona xi kambjamenti minimi, liema proposti ġew inklużi.

39.17.3. Il-Kunsill unanimament qabel li l-bye-laws għandhom jiġu pproċessati bl-amendi kif rakkomandati.

## 39.18 Offerti Pubbliċi;

39.18.1. Is-Sindku informa li l-offerta tal-Contracts Manager infetħet u ġiet evalwata mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Huwa informa li l-Bord irrakkomanda li l-offerta tingħata lil Perit Carmel Cacopardo, li kienet l-irħas u l-unika offerta sottomessa li ssosdisfat il-kriterji kollha stabbiliti.

39.18.1.1. Il-Kunsilliera LAG ressqet mozzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lil-Perit Carmel Cacopardo, issekondata mill-Kunsillier AC. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.18.2. Is-Sindku informa li l-kwotazzjonijiet tal-Bike Racks infetħu u ġew evalwati.

39.18.2.1. Il-Kunsill innota li ġiet riċevuta offerta waħda. Il-Kunsill qabel li tingħata l-ordni ta xogħol lil Infacore.

## 39.19 Spazju ta' Parkeġġ għal-Persuni b'Diżabilita' fi Triq il-Merżuq;

39.19.1. Il-Kunsillier SZ ippropona li jsir spazju ta' parkeġġ riservat għal aċċessibilta' fi Triq il-Merżuq

39.19.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li jsir parkeġġ kif propost, li jkun bi prova, u jekk ikun il-każ, dan jiġi rtirat.

## 39.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.20.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.25 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 30 ta' Ottubru, 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 30 ta' Ottubru, 2017.

[Iffirmat]

Joseph Cutajar
Sindku

[Iffirmat]

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv

# Delegi u Responsabiltajiet, B'Effett Mill 25 ta' Settembru 2017

| | | |
|---|---|---|
| **Joe Cutajar** | **Sindku** | |
| | Relazzjonijiet (Residenti u Media) | Kumitat Finanzi - Chairperson |
| | Relazzjonijiet Internazzjonali | Kumitat Kuntratti (Chairperson) |
| | Attivitajiet kollettivi fir-Raħal | Kumitat Infrastruttura (Chairperson) |
| | | Rappreżentant - Reġjun |
| **Joe Baldacchino** | **Vici Sindku** | |
| | **Kumitat iffurmat minn: Sindku (ex Efficio), u membri: Johann Borg, Leanne Grech** | |
| | Anzjani | Kumitat Kuntratti (Dep. Chairperson) |
| | Ambjent, Indafa u Tisbiħ (inkluz Playing Fields) | Kumitat Finanzi (Dep Chairperson) |
| | Relazzjoni mal-Water Services | Kumitat Infrastruttura (Dep. Chairperson) |
| | Byelaws | Rappreżentant GAL Xlokk |
| | Attivitajiet u Facilitajiet Sportivi | |
| | Public Relations | |
| **Josette Busuttil** | **Kunsilliera** | |
| | **Kumitat iffurmat minn: Sindku (ex Efficio), u membri: Alex Caruana, Leanne Abela Grech** | |
| | Qasam Soċjali (jikludu s-Servizzi Soċjali) | Kumitat Finanzi (Membru) |
| | Kwalita' u Drittijiet tal-Ġeneru | |
| | Persuni b'Abiltajiet Differenti | |
| | Attivitajiet Soċjali | |
| **Leanne Abela Grech** | **Kunsilliera** | |
| | **Kumitat iffurmat minn: Sindku (ex Efficio), u membri: Johann Borg, Joe Baldacchino** | |
| | Edukazzjoni u Zaghzagh | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Kultura U Wirt Storiku | |
| | Fondi Ewropej | |
| | Magazine tal-Kunsill | |
| | Għaqdiet | |
| **Alex Caruana** | **Kunsillier** | |
| | **Kumitat iffurmat minn: Sindku (ex Efficio), u membri: Stanley Zammit, Josette Busuttil** | |
| | Protezzjoni Civili | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Widien | Kumitat Finanzi (Membru) |
| | Turizmu | |
| | Animal Welfare | |
| | Sahha u Sigurta | |
| **Johann Borg** | **Kunsillier** | |
| | **Kumitat iffurmat minn: Sindku (ex Efficio), u membri: Josette Busuttil, Leanne Abela Grech** | |
| | Komunita Kummercjali | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Trasport Pubbliku | |
| **Stanley Zammit** | **Kunsillier** | |
| | **Kumitat iffurmat minn: Sindku (ex Efficio), u membri: Joe Baldacchino, Johann Borg** | |
| | Dawl | Kumitat Infrastruttura (Membru) |
| | Infurzar u Ordni Pubblika | |
| | Ricerka u Zvilupp Sostenibbli | |
| | Traffiku | |